# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u ħamsin (57) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru, 2010 fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATA: | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | (infurmatna minn qabel b'*e-mail* li kellha funeral) | |

1. **Il-minuti** tas-seduta preċedenti intbagħtu minn qabel lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail*, kienu meħuda bħala moqrija, ġew ikkoreġġuti, approvati u ffirmati.

2. Dwar il-vot (3040) tal-***community & hospitality*** biex l-ispiża ma tidhirx kbira wisq għat-tieni kwart, is-segretarju eżekuttiv kien mogħti s-suġġeriment illi jagħmel *journal entry* bejn l-*income* (0036) u l-*expenditure* biex id-dħul minn *tickets* bħal dawk tal-ħarġiet soċjali jaqtgħu l-ispejjeż tal-vot 3040.

3. Dwar it-tkomplija tax-**xogħol tat-toroq,** is-sindku qal li x-xogħol miexi sewwa. Infatti t-trinka tal-*GO plc* li kienet ippjanata li ssir fi Triq il-Qattara, issa tlestiet u illum il-kuntrattur qabbad il-*main* tal-ilma li ried jinbidel ta' Triq id-9 ta' April. Għall-*main* tal-ilma li jrid jinbidel fi Triq San Mikiel, minħabba li t-triq hija dejqa ħafna, se jitpoġġa l-*main* il-ġdid propju fil-post li kien jinsab il-*main* l-antik.

4. Dwar dawn ix-xogħlijiet, Nicholas Briffa qal li l-bankini f'dawn it-toroq qed jitkissru kollha biex jiġu mgħoddija l-*house connections.* Is-sindku wieġeb illi l-KLM mhux se jkun qed jiġi mogħti flus biex isiru l-bankini.

5. L-istima tal-*culvert* (sal-ġibjun) biex minnu jgħaddi l-ilma tax-xita fi Triq San Mikiel intbagħtet lis-sindku mill-kuntrattur u dan qal li din tammonta għal €24,000. Noel Galea qal li din tkellimha mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-kunsilli lokali, l-Onor Dr Said u dan wiegħed li jgħaddilna €15,000 biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Paul Spiteri qal li m'hemmx alternattiva ħlief illi jitqassar il-*culvert* biex ma neċċedux il-flus li se jkunu mgħoddija lilna. Nicholas Briffa enfasizza li l-KLM għandu jkollu l-istima tat-toroq kollha imħejjija mill-perit tal-Kunsill. Dan fid-dawl li l-KSI abdigat milli tidħol għall-ispiża tal-*house connections.*

6. Il-viċi sindku talab il-kont tal-kuntrattur ta' Triq l-Imterrqa u parti minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-segretarju eżekuttiv qallu li l-kont kien għadu ma ntbgħatx. Intant Noel Galea qal li dan kien fil-fatt intbgħat il-ġimgħa l-oħra meta s-segretarju eżekuttiv kien bil-*vacation leave* u huwa fotokopja tal-kalkulazzjoni tal-Perit Anthony Bezzina. Minn dan il-kont, Charles Farrugia identifika illi f'dawn it-toroq kienu tlestew 14,159metru kwadru ta' tarmak. Minn kalkulazzjonijet li saru waqt is-seduta il-KLM stabbilixxa li l-**istima tal-*culvert*** li ta *Asfaltar Ltd* hija għolja (minfuħa) ħafna, filwaqt li Noel Galea qal li l-perit tagħna għandu kopja ta' din l-istima. Infatti Charles Farrugia qal li t-trinka tal-*culvert* se tiġi €120 kull metru jimxi għal 200 metru. Għaldaqstant ġie deċiż illi jekk il-kuntrattur tagħna ma jagħmilhiex b'€15,000, din ma ssirx. Skond kalkoli li saru waqt il-laqgħa minn fuq ir-rati tal-kuntrattur, ix-xogħol ma jiswiex aktar minn €75 kull metru jimxi. Fid-dawl ta' dawn il-kalkoli, Nicholas Briffa ssuġġerixxa illi nistaqsu lill-kuntrattur sabiex dan il-*culvert* isir kollu għal spiża ta' €15,000.

7. Il-KLM bagħat l-ittra lil *Transport Malta* bil-proposti tiegħu li kienu diskussi fis-seduta preċedenti dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fil-perjodu taż-żmien li fih kien armat it-***tower crane*** mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju fil-Pjazza tal-Knisja.

8. Il-**kors tal-pittura** li qed ikun organizzat mill-KLM bil-parteċipazzjoni tal-għalliema żagħżugħa Maria Tonna, beda nhar is-Sibt, 11 ta' Settembru, 2010 fl-Isptar il-Qadim u mill-*feedback* li għandu l-KLM kull min qed jattendi qed jieħu gost minbarra li qed jitgħallem.

9. Il-kappillan għamel ukoll l-avviż għall-**kors tal-*computer*** waqt il-quddies ta' tmiem il-ġimgħa 11 u 12 ta' Settembru, 2010 li se jorganizza l-KLM ukoll fl-Isptar il-Qadim. L-għalliem li se jkun inkarigat minn dan it-tagħlim huwa Keith Aquilina.

10. Dwar l-attività tal-1 ta' Ottubru, 2010, is-sindku u l-Kunsillier Paul Spiteri iltaqgħu ma' rappreżentant li kien involut fil-wirja agrarja tas-Siġġiewi u qasmu miegħu xi ħsibijiet li jistgħu jgħinuna biex intellgħu l-**attività kulturali** tagħna. Infatti s-sindku qal li dwar in-nar tal-art kellna nnaqqsu l-*budget* ivvutat ħalli b'€1,000 inkopru wkoll l-assikurazzjoni tiegħu. Intant il-kantanti li se jkunu involuti fl-*entertainment* se jiġu mingħajr obbligazzjoni. Fosthom hemm Chrystal Bugeja, it-tifla ta' Patrick u l-Grupp *Go Go Cats*. Se nikru wkoll żewġ karozzini u se jkollna wkoll il-ferrovija mingħajr binarji li se tgħaddi minn Triq Karmenu Ciantar, Konvoj ta' Santa Marija, Nazzarenu, Ħajt tal-Matla, Ġnien Tfal ir-Raħal, Ħal Kirkop, Katakombi, Konvoj ta' Santa Marija, iddur mar-razzett imtella' apposta fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Tas-Sejba, Madonna tal-Ġilju, Ġnien Misraħ Missjoni ż-Żgħira, Mitħna, Santa Katerina u tieqaf fil-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm proposta biex nikru wkoll *vintage bus,* liema sid se jkun infurmat bid-deċiżjoni tagħna. Din diġà konna għamilna użu minnha biex tqassmu r-rigali tal-Milied lit-tfal fid-djar minn *Father Christmas*. L-Isptar il-Qadim se jkun użat din is-sena biex fih tittella' wirja tal-galleriji antiki, fil-waqt li kienet stabbilita r-rotta li minnha se tgħaddi l-banda konġunta bejn is-soċjetajiet mużikali. It-toroq huma: Triq il-Parroċċa, Fjuri, Valletta, San Bażilju, Lanġasa, San Bażilju, Pjazza tal-Knisja, Duluri, waqfa għall-bandisti fil-KLM biex il-bandisti jieħdu *drink,* it-triq tan-nofs, iduru mas-salib tal-ħaġar u jitilgħu minn Triq il-Madonna tal-Ġilju għal quddiem il-Każin tal-Futbol. Din se tibda l-marċ fis-7:00pm u fit-7.45pm trid tkun waslet fil-pjazza. Sadanittant fil-Pjazza tal-Knisja se jkun hemm il-kant ukoll minn tliet korijiet miż-Żebbuġ Għawdex li aċċettaw li jiġu għall-ħlas ta' €500. Lill-membri tal-kor se jkunu offruti biljett li jintitulahom li jieklu b'xejn mill-*istands* li se jitwaqqfu mill-każini, u l-preżentatur tas-serata se jkun Edwin Gatt, eks-kunsillier. Is-sindku qal li għandna nirċievu wkoll stima ta' €155, li kienet approvata f'dan l-istadju biex grupp ta' tliet persunu jdoqqu ż-żavżava, janimaw flimkien ma' dawn il-persuni kollha msemmija, fl-istess serata.

11. Is-segretarju eżekuttiv kien bagħat il-**minuti tal-laqgħa** li nżammet nhar it-2 ta' Settembru 2010, mal-Kumitat tas-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju**, lill-kunsillieri. Matul din il-laqgħa kienet diskussa l-organizzazzjoni tas-serata Ġieħ l-Imqabba li se tkun organizzata mill-KLM fit-22 ta' Ottubru 2010, fl-Iskola Primarja. Peress li f'din il-laqgħa kien hemm is-suġġeriment li l-familji kollha Mqabbin ikunu mistiedna b'invit u mhux bil-*leaflet* biss għall-attivitajiet kollha, kif kien isir fil-passat, is-segretarju eżekuttiv issuġġerixxa li għandna nistampaw l-inviti għand *printer*. Madankollu Charles Farrugia qal li jista' jgħina biex il-prezz ta' dawn ikun wieħed imraħħas. Dwar id-deċiżjoni li ttieħdet biex is-serata ssir taħt il-patroċinju tal-Onor Chris Said, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni, Nicholas Briffa qal li hu ma jaqbilx għaliex qal li din dejjem kienet preseduta mis-sindki fil-passat u jidhirlu li hekk għandu jibqa' jsir. Intant infetħu n-**nominazzjonijiet għal Ġieħ l-Imqabba**, li se jkunu diskussi fil-laqgħa tal-KLM li jmiss. Dawn huma ta' Carmel Zahra, Joseph u Mary Debattista u Ġużeppi Ghigo.

12. Is-sindku informa lill-KLM illi t-trinka li minnha għaddew il-***cables*** f'isem il-Korporazzjoni Enemalta biex ifornu s-***sub station*** bil-kurrent, issa ingħalqet mill-Kuntrattur Fenech u wara li

jsir l-ittestjar tax-xogħol, il-kuntrattur se jagħmel ir-*reinstatement.* Il-KLM se jkun qed jingħata refużjoni tar-*reinstatement* fuq it-trinka ta' Triq iċ-Ċavi u parti minn Triq il-Kileb, li fihom m'hemmx *tarmac* biex juża l-fondi meta aktar tard matul is-sena jiksi l-istess partijiet bit-*tarmac* huwa stess.

13. Għat-**trinka li nfetħet fil-Pjazza tal-Knisja,** li bosta mill-kunsillieri kellhom l-impressjoni li kienet l-istess trinka li minnha kien antiċipat li jgħaddu *cables* tal-Korporazzjoni Enemalta biex jiġu eliminati l-*overhead wires* imwaħħlin mas-sede tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, is-sindku qal li dan kien xogħol tal-emerġenza tal-*GO plc*. Intant din it-trinka se tibqa' miksija bil-*lean mix* sabiex biswitha jgħaddu l-*cables* tal-Korporazzjoni Enemalta imsemmija. Il-kuntrattur ta' *GO plc*, is-Sur Innocent Farrugia, ser jirrifondi l-ispiża marbuta ma' metraġġ lill-KLM biex tagħmel tajjeb la darba l-KLM jlesti t-trinka biswit li għamel hu. Dan ġie maqbul biex ma jsirx xogħol doppju fl-istess parti.

14. Dwar il-**kabbana ta' Ġnien Tfal ir-Raħal,** li issa qed topera, minkejja li mhux qed nippretendu li hemm kummerċ kbir, jidher li kollox qed jimxi sew speċjalment meta wieħed iqis li issa wkoll għandna latrina pubblika oħra topera għall-komunità tagħna.

15. Il-KLM iddeċieda li l-kwotazzjoni sabiex jinħadem it-**trofew** li se jingħata lil min se jieħu **Ġieh l-Imqabba,** kif dawn il-fornituri kienu mistiedna li jgħaddulna, permezz tal-gazzetta tal-gvern u l-avviż miġjub f'*The Malta Independent*, ma jingħatax. Dan għaliex kull ma kien hemm, kienet għażla waħda, li ħassew li kienet għolja wisq bħala prezz. Ricky Caruana, il-*bidder,* se jkun avżat b'dan kollu.

16. Madankollu l-għażla tal-**kwotazzjoni tal-bankijiet** miġjuba fl-istess avviż, waqgħet fuq dik ta' Ricky Caruana b'kopja tal-*emails* ġew mgħoddija 'l-KLM. Intant il-KLM iddeċieda li jibdel il-materjal biex ikun aktar b'saħħtu u jservi aktar. Minn komunikazzjoni li saret bejn is-sindku u l-istess Ricky Caruana, l-istess Caruana kien mitlub li jaħdem bankijiet simili għal dak ta' Triq Valletta quddiem l-iskola. Il-materjal li qed ikun issa suġġerit hu dak tal-iroko flok tal-aħmar kif ħareġ fl-avviż. Għaldaqstant kien deċiż li jiġu ordnati tmien bankijiet għall-prezz ta' €198 u ż-żieda ta' €20 biex tkopri l-bidla fil-materjal jekk minflok jiġi deċiż li jintuża tal-aħmar jew *oak* kif kwotat minn Ricky Caruana stess. Dawn il-bankijiet kollha se jitpoġġew fil-Pjazza tal-Knisja għaliex hemm bżonn nixtru wkoll tnejn biex jitpoġġew fil-kantuniera ma' Sqaq l-Isptar, filwaqt li dawk li hemm fil-pjazza, għandhom jitpoġġew fi Ġnien il-Ġibjun.

17. Intgħażlet il-kwotazzjoni ta' **forniment ta' fallakki tal-injam** tal-aħmar ta' *Kargo Aluminium*. *Pace & Mercieca Co Ltd* ikkwotaw biss għall-injam tal-abjad u għaldaqstant ma kienux qed jaderixxu mal-ispeċifikazzjonijiet tagħna. Il-kunsillieri qablu illi bejn il-kwotazzjoni ta' Ricky Caruana u dik ta' *Kargo Aluminium* m'hemmx wisq differenza u ppreferew lil xi ħadd li diġà aħna sodisfatti bix-xogħol tiegħu u li kien diġà ta xogħlijiet lill-KLM fil-passat.

18. Mill-kwotazzjonijiet li ssottomettew kemm Ricky Caruana, Vella Falzon kif ukoll Pace & Mercieca, għall-**provista ta' żebgħa,** l-KLM għażel l-orħos waħda, jiġifieri dik ta' Vella Falzon. Dwar l-ispeċifikazzjonijiet, irridu nitolbuhom lil dan il-fornitur sabiex nassiguraw ruħna li din tista' tintuża f'postijiet esterni.

19. Dwar il-**kwotazzjoni għal *boundary walls*,** il-KLM għażel dik ta' *Denfar Excavators Ltd* minkejja li ma kienetx l-orħos waħda, għaliex dan il-kuntrattur nafu li minbarra li għandu l-esperjenza fil-kostruzzjoni, għandu makkinarju u ħaddiema biżżejjed biex dak li jkun mitlub, jagħtihulna fil-ħin.

20. F'punti oħra Nicholas Briffa qal li minkejja li l-ġimgħa li għaddiet kienet il-festa nazzjonali tal-Vitorja, il-KLM naqas illi jtella' l-**bandiera** mal-arblu fl-entratura tar-raħal. Peress li s-sindku mhux qed ikollu ċans jagħmel dan, u l-ħaddiema tal-KLM qed jinsew kull darba, kienu

rakkomandati diversi persuni li jistgħu jgħinuna billi jieħdu ħsieb li titla' l-istess bandiera fil-festi pubbliċi u attivitajiet oħra tal-KLM.

21. Is-sindku informa lill-KLM illi s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V bagħtulna ittra fejn qed jitolbu l-permess tagħna (jew tal-inqas in-*no objection*) biex nhar it-3 ta' Ottubru 2010 jorganizzaw attività billi jsiru **tlielaq tal-*Go-Carts* /*mini moto* fit-toroq residenzjali**. Huma talbu illi jingħalqu t-toroq Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, parti minn Triq il-Madonna tal-Ġilju u parti minn Triq tas-Sejba bejn is-7:00am u l-5:00pm. Minkejja li normalment biex issir attività irid isir il-permess magħruf bħala tat-LM3.00 (€6.99), il-KLM hu tal-fehma illi s-soċjetà tieħu l-veduti tal-pulizija dwar dan ħalli f'każ li jiġi mogħti l-permess isiru l-arranġamenti tat-traffiku għal dik il-ġurnata biss. Madankollu l-KLM mhux tal-parir illi Triq tas-Sejba, triq illum ewlenija, tkun magħluqa fl-ebda parti, minħabba l-inkonvenjent li din tista' toħloq mhux biss għall-Imqabbin, iżda għal bosta sewwieqa oħrajn illi jgħaddu minnha kuljum inkluż il-Ħadd.

22. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** minbarra l-kont ta' xogħlijiet li ma ordnajniex u li ma konniex nafu bihom minn qabel biex saret tiswija fuq kumnikazzjoni ta' drenaġġ privata tal-*Pineapple Bar* fil-Pjazza tal-Knisja liema medda Lonzu Mifsud qed jallega saritilha l-ħsara madwar xi għaxar snin ilu meta l-KLM kien kesa' l-Pjazza bit-tarmak. Fuq l-istess ċedola tal-pagamenti kien hemm il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-Isptar il-Qadim u l-ġonna pubbliċi, minn Jannar sa nofs Mejju 2010 li fittixna d-dettalji tagħhom dak il-ħin għaliex l-ammonti huma sostanzjali.

23. Meta fl-istess perjodu sar it-tarmak fi **Triq id-Duluri**, sid id-dar li tmiss eżattament mal-Kappella tad-Duluri, kien għamel **sieqja biex jilqa' l-ilma tat-triq** għall-bir tiegħu privat billi uża l-istess tarmak. Fuq din it-tumbata waqgħet tifla u missierha għamel rapport l-għassa tal-pulizija biex din tinqala' minnufih. Is-sindku qal illi se jara li din titneħħa ħalli ma tibqax tkun ta' periklu.

24. Il-kunsillieri ingħatatilhom il-**lista tal-korrispondenza** li ntbagħtet u li rċevejna tul dawn il-ħmistax-il ġurnata u li kienet għad-dispożizzjoni tagħhom fuq il-mejda tal-kamra.

25. Il-laqgħa ntemmet fid-9.30pm u dik li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru, 2010.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*____ /09 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |